MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 141/2012

**Appell Nru: 141/2012**
**Il-Pulizija**
**[Spettur Ramon Mercieca]**
**Vs**
**Clive Muscat**

Illum 22 ta’ Novembru, 2012

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellant Clive Muscat, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli:

Fis-26 ta’ Novembru, 2010, ghall-habta ta’ 1.15am, waqt li kien fl-inhawi tal- ‘Fiddien’ l/o Rabat, Malta kien qieghed jonsob ghat-tehid tal-Pluvieri, waqt stagun maghluq, (Matul il-lejl) u dan bi ksur tar-Reg 18(1)(c), ta’ l-A.L. 79/2006, hekk kif emendat, L.S. 504.71.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kien qieghed jonsob minghajr ma kellu licenzja mahruga f’ismhu mid-direttur jew mill-kummissarju tal-Pulizja biex ikun jista` jonsob u dan bi ksur tar-Reg 12(1), ta’ l-A.L. 79/2006, hekk kif emendat, L.S. 504.71.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ha jew ipprova jiehu, ikkaccja jew ipprova jikkaccja xi ghasfur jew fenek salvagg permezz ta' mezz elettriku jew elettroniku (pre-recorded bird calls) u dan bi ksur tar-Reg 7(1)(d) ta' l-A.L. 79/2006 hekk kif emendat, L.S. 504.71.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi zamm xi mezz li l-uzu tieghu huwa ipprojbit mill-paragrafu (2) ta' regolament 7(2) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 kif sussegwenetement emendat, L.S. 504.71

Il-Qorti giet mitluba li barra l-piena skond il-ligi, tordna l-konfiska ta' l-oggetti esebiti, kif ukol is-sospensjoni tal-licenzja ghal zmien ta' mhux anqas minn sena.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Marzu, 2012 fejn il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 18(1) (c), 12(l), 7(l)(d) u 7 (2) tal-A.L. 79/2006 hekk kif emendat (LS 504.71) tal-Ligijiet ta' Malta. Sabet lill imputat hati u ikkundannatu multa ta' disa' mitt ewro (€900.00). Il-Qorti ordnat il-konfiska tal-'birdcaller' esebit formalment u spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellant Clive Muscat pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-16 ta' Marzu, 2012 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti thassar tirrevoka is-sentenza appellata u tilliberah minn kull piena u htija skond il-ligi u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti joghobha tikkonfermha s-sentenza appellata, l-esponenti jitlob li tigi imposta piena aktar ekwa u gusta ghal-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ili l-aggravji tal-appellant u jikkonsistu fis-segwenti:

1. Illi l-ewwel Onroabbli Qorti ghamlet applikazzjoni skorretta tal-ligi apprezzament zbaljat tal-provi ;

Illi jigi umilment rilevat fl-ewwel lok illi l-lgii penali tipprovdi x' informazzjoni ghandu jkun fiha ic-citazzjoni *'ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatt ta' l-akkuza, bil-partikolaritajiet ta' zmien, u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkun u jistghu jinghataw.*

Illi kaz odjern, l-erbgha (4) ufficjali tal-Pulizija ossia PS305 A Gauci, PC389 S. Bonnici, PC798 A. Camilleri u PC1209 E. Grima li ddeponew bil-procedura ta' l-affidavit gew

kontroezaminati mill-esponenti u lkoll ikkonfermaw illi l-imputat instab fil-post imsejjah Raba Nemel limiti ta’ Had Dingli u mhux fil-Fiddien limiti tar-Rabat (Malta) kif kien jidher fl-affidavit minnhom intavolat. Illi huwa pacifiku illi dawn huwma zewg postijiet totalment differenti u ghalhekk l-ufficjal prosekutur ghazel fis-seduta tal-hamsa u ghoxri (25) ta’ Jannar elfejn u tnax (2012), jitlob korrezzjoni fl-akkuza fis-sens illi l-kliem Raba Nemel kellu jigi sostitwit bil-kliem ‘Fiddien’ meta nduna meta kienet ser tigi trattata l-kawza u skopra li l-affidavits minnu presentati kienu kollha jirreferu ghal-lok fejn sar ir-reat addebitat bhala l-Fiddien u l-akkuza Raba Nemel. Illi ghalhekk kwezit tal-ligi li jindika l-lok fejn sar ir-reat kien skorrett.
Illi ulterjorment l-erbgha (4) ufficjali su-riferiti ikoll in kontroezami stqarrew li l-imputat appellant odjern kien rieqed go kamra li tinsab xi mitt metru l-boghod fejn kien qied isir l-insib, li kien hemm terzi qieghdin mal-mansab li gew ukoll processati fi proceduri separati u sahansitra li kienhemm uhud mill-ufficjali li kienu huma stess li qajmu lill-imputat appellant.
Illi fid-dawl ta’ dan l-ewwel Onoroabbli Qorti kienet skorretta meta sabet htija fuq il-fatturi kif irrizultawha.
2. Illi l-piena nflitta hija esagerata stante illi l-appellant jghid illi huwa ghandu fedina penali netta, u qatt ma tressaq il-Qorti fuq akkuzi relatati ma kacca u nsib.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fil-lejl tas-26 ta’ Novembru, 2010 l-appellant kien rieqed f’kamra vicin lok fejn kien qieghed isir insib, f’post imsejjah Raba Nemel fil-limiti ta’ Had Dingli meta marru fuqu l-pulizija. F’Sentenza moghtija fis-7 ta’ Marzu, 2012 il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal multa ta’ €900 kif ukoll il-konfiska tal-“bird caller” esebit. L-appellant hassu agravat minn din is-Sentenza peress illi fil-fehma tieghu l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni skorretta tal-Ligi u apprezzament zbaljat tal-provi. Fl-ewwel lok ilmenta dwar ic-citazzjoni fejn qal illi dina ma tosservax id-dettami tal-Ligi peress illi ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, l-fatti ta’l-akkuza, bil-partikularitajiet taz-zmien u tal-lok. Jidher li l-pulizija pero’

hawdu xi ftit l-ismijiet tal-art fejn instab l-appellant billi xi hadd iddeskrivieh bhala Raba Nemel limiti ta' Had Dingli u mhux Fiddien fil-limit tar-Rabat kif kien jidher fl-affidavit tal-pulizija. Fit-tieni lok peress illi l-appellant ghandu fedina penali netta u qatt ma tresaq il-Qorti fuq il-kacca u nsib, l-ewwel Qorti ma kelliex tkun daqshekk severa mieghu.

Ikkunsidrat.

Ghal dak li jirrigwardja l-ewwel ilment, il-Qorti taghmel refernza ghal kawza fl-ismijiet Il-Pulizija kontra Benny Zaffareze et tat-13 ta' Jannar, 1995 fejn fost affarijiet ohra l-Qorti qalet *"L-Artiklu 360 (2) tal-Kodici Kriminali jirrikjedi li c-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharka izda ma tispecifikax x'dettalji ghandhom jinghataw, jekk xi dettalji jithallew barra dan bl-ebda mod ma jgib in-nullita tac-citazzjoni anki jekk xi dettalji jkunu zbaljati jekk il-persuna mharka effettivament tidher quddiem il-Qorti wahda mill-funzjonijiet primarji tac-citazzjoni hu cioe' li sservi "***avvizo a comparire***" tkun giet ezawrita"*. Dan it-taghlim japplika wkoll ghar-rekwizit tal-fatti ta' l-akkuza u l-partikularitajiet taz-zmien u tal-lok. Ma hemmx ghalfejn illi dawna jkunu ndikati b'mod preciz basta illi l-imputat ikun jaf ezatt ghalxiex qed tirreferi c-citazzjoni, jidher il-Qorti u jkun jista jipprepara d-difiza tieghu. Dawn il-kweziti kollha gew osservati f'dan il-kaz u ghalhekk il-Qorti ma tara xejn hazin fic-citazzjoni u anqas ghal mod kif ipprocediet l-ewwel Qorti biex sabet htija fil-konfront ta' l-appellant.

Ghal dak li jirrigwardja l-piena ma hemm xejn esegerat fiha, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-deskrizzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-Ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika illi kellha tkun anqas minn dak li tkun fil-fatt. Irrizulta illi l-piena nflitta tidhol fil-parametri tal-Ligi u ghalhekk mhux il-kaz illi din tigi disturbata. Peress illi din il-Qorti jidhrilha illi fuq il-provi li kellha quddiemha, l-ewwel Qorti setghet liberament u legalment tasal ghal konkluzjoni illi waslet ghaliha, mhux il-kaz illi din tigi disturbata minn din il-Qorti.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------